Provide professional lighting equipment and lighting operators for photography;

Be proficient in the use of Adobe Photoshop and Adobe Lightroom;

Be responsible to provide the photography of events;

Will assist the videographer when needed.

Interested parties must have more than 10 years' experience in professional videography/photography and editing.

Expressions of interest indicating the rate per hour charge (excl. VAT) accompanied by a detailed Curriculum Vitae and a Police Conduct for individuals (issued within 1 month of application date) or company portfolio for companies, will be received by email on (dgss.meyr@gov.mt) until noon on Friday, 22nd July, 2022.

8th July, 2022

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Post ta' Skrivan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta – 2022

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubblici Lokali jgħarrfu li se jsir proċess ta' għażla kompetittiv għad-dħul fil-grad ta' Skrivan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Il-kandidati, kemm interni kif ukoll dawk esterni, iridu jgħaddu mill-istess proċess ta' għażla.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' Skrivan huwa ta' Skala ta' Salarju 16, li fis-sena 2022 huwa ta' €14,709 fis-sena, li jiżdied b'€263.00 fis-sena sa massimu ta' €16,287.

2.2 Persuna fil-grad ta' Skrivan titla' fi Skala ta' Salarju 15 (€15,717 x €298.00 - €17,505) wara ħames (5) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Persuna fil-grad ta' Skrivan tiġi promossa għall-grad ta' Skrivan Anzjan fi Skala 14 (€16,865 x €316.83 - €18,766) wara għaxar (10) snin servizz fil-grad ta' Skrivan, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sitt (6) xhur, hi fuq bażi full-time u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u l-persuna maħtura tista' tiġi trasferita sabiex ikun jista' jingħata servizz effettiv.

2.5 Għall-konferma tal-ħatra tagħhom, dawk maħtura jridu jkunu temmew iż-żmien ta' prova tagħhom u jridu jkunu temmew b'suċċess il-kors ta' induzzjoni kif offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

2.6 Applikazzjonijiet laterali fl-istess grad minn uffiċjali pubbliċi mhumiex aċċettabbli.

2.7 Il-postijiet allokati se jkunu strettament skont il-prijorità kif iddeterminat mill-Amministrazzjoni, għal perjodu minimu ta' sentejn (2) qabel ma jkunu jistgħu jintalbu trasferimenti. Tali postijiet ikunu suġġetti għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti.

2.8 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Post of Clerk in the Malta Public Service – 2022

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that a competitive selection process will be held to fill vacancies in the grade of Clerk in the Malta Public Service.

Internal and external candidates will undertake the same selection process.

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Clerk is Salary Scale 16, which in the year 2022 is equivalent to, €14,709 per annum, rising by annual increments of €263.00 up to a maximum of €16,287.

2.2 A Clerk will progress to Scale 15 (€15,717 x €298.00 - €17,505) on completion of five (5) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3 A Clerk will be promoted to the grade of Senior Clerk in Scale 14 (€16,865 x €316.83 - €18,766) on completion of ten (10) years service in the grade of Clerk, subject to satisfactory performance.

2.4 The appointment, which is subject to a probationary (trial) period of six (6) months, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and involves liability to transfer for effective service delivery.

2.5 For the confirmation of their appointment, appointees must conclude their probationary (trial period) and successfully complete the induction programme as organised by the Institute for the Public Services.

2.6 Lateral applications in the same grade from public officers are not allowed.

2.7 Postings will be strictly in priority areas as determined by the Administration for a minimum period of two (2) years before transfers to other areas may be requested by the employee. Such postings will be subject to availability of vacancies.

2.8 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Skrivan jinkludu:

Responsabbiltajiet Ġenerali:

i. Kommess lejn servizz ta' eċċellenza kontinwu, ibbażat fuq il-qafas tal-erba' pilastri billi jagħti vuċi lill-klijenti kollha tiegħu, ifassal politiki li jindirizzaw il-ħtiġiet tagħhom u jipprovdi servizz ta' kwalità f'waqtu sostnut mir-responsabbiltà;

ii. Marbut li jagħti servizz ta' eċċellenza lill-klijenti kollha msawwar fuq l-impenn lejn l-istandards ta' kwalità, l-integrità, ir-rispett, il-lealtà, il-fiduċja, il-kwalità, l-imparzjalità u mingħajr diskriminazzjoni;

iii. Jintrabat li jiżviluppa aktar fil-ħiliet u l-abbiltajiet għall-avvanz ta' karriera fis-Servizz Pubbliku;

iv. Irid iżomm komunikazzjoni vertikali u orizzontali tajba billi jkun empatiku ma' membri oħra tat-tim;

v. Jiżgura li l-oġġettivi, il-miri u l-għanijiet jintlaħqu fil-ħin, kif miftiehem qabel mas-superjuri diretti;

vi. Irid iżomm ruħu aġġornat fuq l-aderenza meħtieġa ma' Direttiva 8, Direttiva 4, u regolamenti oħra tal-PSMC, kif mistenni minn uffiċjal pubbliku;

vii. Marbut li jservi ta' mudell għall-oħrajn u lest li jagħmel sforz żejjed għall-ġid tas-Servizz Pubbliku;

viii. Jimmira li jkun uffiċjal pubbliku eċċellenti b'kapaċità li jifforma parti minn tim li jwettaq il-kompiti meħtieġa;

ix. Jappoġġja l-bidliet li huma meħtieġa biex tinżamm tranżizzjoni bla xkiel fit-titjib kollu tas-sistemi li jeħtieġ li jiġu implimentati.

Responsabbiltajiet Oħra

i. Jipprovdi għajnuna klerikali lit-taqsimiet amministrattivi u tekniċi tad-dipartiment;

ii. Ifassal rapporti bażiċi, bħal statistika u kontenut relatat kif mitlub mill-amministrazzjoni filwaqt li jżomm sistema ta' filing aġġornata;

iii. Jirreġistra/iqassam korrispondenza, kif ukoll jirreġistra kif meħtieġ il-moviment tal-files f'databases eżistenti;

iv. Jirrispondi mistoqsijiet ġenerali mill-pubbliku u klijenti interni skont ir-regolamenti stabbiliti u l-istandards

Duties

3. The job duties for the post of Clerk include:

General Responsibilities:

i. Is committed towards an ongoing service of excellence founded on the four-pillar framework by giving a voice to all its customers, designing policies that address their needs and delivering a timely quality service sustained by accountability';

ii. Is bound to deliver a service of excellence to all customers forged on commitment to quality standards, integrity, respect, loyalty, trust, quality, impartiality and non-discrimination;

iii. Is committed to develop further in the skills and abilities for the advancement of a career in the Public Service;

iv. Is to maintain good vertical and horizontal communication using an empathic approach to deal with other team members;

v. Is to ensure the timely delivery of objectives, targets and goals as previously agreed with the direct superior;

vi. Is to keep abreast on the required adherence to Directive 8, Directive 4 and other PSMC regulations as expected of a public officer;

vii. Is committed to act as a role model for others and prepared to go the extra mile for the good of the Public Service;

viii. Aims at being an excellent public officer with an ability to form part of a team that delivers the required tasks;

ix. Is supportive of the changes that are required to maintain a smooth transition of all improvement of systems that need to be implemented.

Other Responsibilities

i. Provides clerical support to the administrative and technical branches of the department;

ii. Compiles basic reports such as statistical data or related content as required by management whilst keeping an updated filing system;

iii. Registers/distributes incoming and outgoing mail and records as necessary file movements in existing databases;

iv. Answers general queries and FAQ's from the general public and internal clients in accordance with existing

ta' kwalità eżistenti, linji gwida, struzzjonijiet u prassi ġenerali, taħt is-superviżjoni tal-uffiċjal li jaqa' taħtu.

v. Jagħmel xogħol ta' kaxxier fir-rigward ta' ammonti żgħar ta' flus bħal infiq relatat ma' servizzi ta' rutina;

vi. Jassumi responsabbiltà għal front facing u reception desks;

vii. Jappoġġja fis-superviżjoni ta' junior staff ieħor;

viii. Iżomm ruħu aġġornat ma' regolamenti bażiċi bħal dawk stabbiliti fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u l-Kodiċi Maniġerjali għas-Servizz Pubbliku (PSMC), kif ukoll iżomm ruħu aġġornat mal-benefiċji offruti permezz tal-istess regolamenti lil uffiċjali pubbliċi;

ix. Jagħmel kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu, kif jista' jkun meħtieġ; u

x. Kwalunkwe dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti u/jew is-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i.

a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta'

regulations and quality standards, following guidelines, instructions and general practices, under the supervision of the immediate supervising officer;

v. Handles small amounts of cash such as fees relating to routine services;

vi. Assumes responsibility for front facing and reception desks;

vii. Supports in the supervision of other junior staff;

viii. Keeps abreast of such basic regulations as those outlined in the Public Administration Act (PAA) and the Public Service Management Code (PSMC), whilst keeping adjourned on benefits offered through the same to public officers;

ix. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required; and

x. Any other duties as directed by the Permanent Secretary and/or Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i.

a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals)

Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. Mhux inqas minn sittax-il (16) sena;

iii. Eliġibbli f'waħda mill-kategoriji ta' hawn taħt (a, b jew c):

a. Fil-pussess ta' kwalifika li turi li għaddew (almenu fi Grad 1-5, Grad C jew livell komparabbli) f'sitt (6) suġġetti f'Livell 3 tal-MQF, u li jridu jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Applications Skills (*);

jew

b. Fil-pussess ta' kwalifika Vokazzjonali sħiħa f'Livell 3 tal-MQF, jew il-kwalifika ta' Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja fil-Livell 3 tal-MQF, f'sitt (6) suġġetti li jkunu jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Applications Skills (*) bħala suġġetti separati fi ħdan il-programm ta' studju;

(*) Qed jiġi kkjarifikat li b'referenza għall-IT Office Applications Skills, dan ikopri kwalunkwe kors komplut b'suċċess organizzat mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS) jew f'Livell 3 tal-MQF akkreditat mill-ECDL Malta jew mill-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA).

B'referenza għal klawsoli 4.1 (iii) (a) u (b), minbarra l-erba' (4) suġġetti obbligatorji, kull suġġett ieħor fil-Livell 3 tal-MQF, ikun aċċettat għall-fini ta' eliġibbiltà.

Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. Not less than sixteen (16) years of age;

iii. Eligible in terms of one of the following categories (a, b, or c):

a. having a pass (at least at Grade 1-5, Grade C or a comparable level) in six (6) subjects at MQF Level 3 which must include Maltese, English, Mathematics and IT Office Application Skills (*);

or

b. having a full MQF Level 3 VET qualification, or a Secondary School Certificate and Profiling qualification at MQF Level 3, in six (6) subjects which must include Maltese, English, Mathematics and IT Office Application Skills (*) as separate study units within the course pursued;

(*) It is clarified that reference to IT Office Application Skills, covers any successfully completed course organized by the Institute for the Public Services (IPS) or at MQF Level 3 accredited by ECDL Malta or the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA).

With reference to clauses 4.1 (iii) (a) and (b) above, apart from the four (4) stipulated compulsory subjects, any additional subject at MFQ Level 3, will be accepted for eligibility purposes.

jew

c. Assistenti Klerikali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, li l-ħatra tagħhom kienet ikkonfermata u għandhom tliet (3) snin servizz sodisfaċenti fil-grad.

iv Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 Uffiċjali pubbliċi fis-servizz li jaqgħu taħt il-kriterju ta' eliġibbiltà 4.1 (iii) u li jinħatru fil-grad ta' Skrivan iridu jġibu prova li temmew kompletament u b'suċċess kors fl-IT Office Applications Skills organizzat mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS) jew f'Livell 3 tal-MQF akkreditat mill-ECDL Malta jew mill-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), sabiex il-ħatra tiġi kkonfermata.

4.3 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux il-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) (a) u (b), jew kif indikat f'paragrafu 4.3, xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza mill-istituzzjoni edukattiva li huma rregistrati għat-tali kwalifika u li se jingħataw din il-kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2022. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-kandidati jew jiġu skwalifikati mir-riżultat jew il-ħatra tagħhom tiġi, ipso facto, awtomatikament terminata, kif applikabbli. Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

4.5. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

or

c. Assistant Clerks in the Malta Public Service, whose appointment has been confirmed and having three (3) years' satisfactory service in the grade.

iv Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Serving public officers falling under eligibility criterion 4.1 (iii) and who are appointed in the grade of Clerk must prove to have successfully completed a course in IT Office Application Skills organised by the Institute for the Public Services (IPS) or at MQF Level 3 accredited by ECDL Malta or the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), in order for the appointment to be confirmed.

4.3 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.4 Furthermore, candidates who have not yet obtained the qualifications specified in paragraphs 4.1 (iii) (a) and (b), or else as indicated in paragraph 4.3, will still be considered provided that they submit evidence by the educational institution that they are registered for the said qualification and this will be awarded by the 31st October, 2022. If the stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, candidates will either be disqualified from the result or the appointment will be, ipso facto, automatically terminated, as applicable. The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

4.5 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.6 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.7 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mid-Direttur tal-Eżamijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.8 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.7 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.9 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.6 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

4.7 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the Director of Examinations from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.8 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.7 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.9 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.10 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/transkrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt) jew (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali, flimkien ma' kopji tal-Performance Appraisals tal-aħħar tliet (3) snin fil-każ ta' applikanti li diġà qed iservu fis-Servizz Pubbliku, għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-għażla tal-kandidati tkun f'żewġ partijiet:

(i) L-ewwel parti tkun tikkonsisti f'test, permezz tal-kompjuter, kompletament awtomatizzat, fl-abbiltà ġenerali, li permezz tiegħu l-applikanti jkunu assessjati fil-ħiliet verbali, numeriċi u astratti, fuq il-bażi tar-rispons tagħhom għal sett ta' mistoqsijiet. Il-kandidati jridu jġibu rata ta' 40% biex jgħaddu, li tista' tkun riveduta għal 30% fl-eventwalità li n-numru ta' kandidati li jgħaddu ma jilħaqx ir-ratios stabbiliti meħtieġa biex jimtlew il-postijiet vakanti. Din l-ewwel parti tkun immexxija mid-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

Għandu jiġi nnutat li applikanti li diġà għamlu t-test, permezz tal-kompjuter, kompletament awtomatizzat, fl-abbiltà ġenerali, jistgħu jagħżlu li:

ma joqogħdux għat-tali test, u għaldaqstant iżommu l-marka li ġabu qabel, dment li tissodisfa l-pass mark skont 6.1 (i), li r-riżultat ikun għadu validu u li l-kontenut tat-test ikun identiku;

jew

joqogħdu għat-test darb'oħra, f'liema każ, l-aħjar marka mit-tnejn, għandha tiġi kkunsidrata.

(ii) Fit-tieni parti, il-kandidati li jkunu għaddew mill-ewwel parti u li jkunu ġew shortlisted skont il-provvedimenti ta' para. 6.2 hawn isfel, jiġu mitluba joqogħdu għal intervista strutturata, bil-valuri tax-xoghol u personalità inklużi bħala parti mill-kriterji tal-assessjar. L-intervista tkun immexxija minn bord ta' għażla.

4.10 Prospective applicants should note the requirement to produce MFHEA recognition statements in respect of their qualifications from MFHEA, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt) or (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials, together with copies of the Performance Appraisals of the last three (3) years in the case of applicants who are serving officer, are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 The selection of candidates will be in two stages:

(i) Part 1 will consist of a fully automated computer-based general ability test, whereby applicants will be tested in verbal, numerical and abstract ability on the basis of their response to an established set of questions. Candidates must obtain a 40% rating to pass the test, which may be revised to 30% in the eventuality that the number of successful candidates does not meet the determined ratios required to fill available vacancies. Part 1 will be conducted by the Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations.

It is to be noted that applicants who have already performed the computer-based general ability test, may opt:

not to sit for the said test and therefore to retain the mark obtained at the time, subject to the minimum passmark at 6.1 (i) and to validity of the result and identical content of the test;

or

sit for the test again, in which case the best mark out of the two should be taken into consideration.

(ii) In part 2, candidates who are successful in part 1 and who are shortlisted as per the provisions of para. 6.2 below, will be asked to sit for a structured interview, with work values and personality included as criteria of assessment. The interview will be conducted by a selection board.

6.2 Il-kandidati eliġibbli jiġu mgħajta għall-intervista skont il-mertu li jkunu akkwistaw fit-test ta' abbiltà ġenerali li jkun sar biex jiġu assessjati l-ħiliet verbali, astratti u numeriċi, u fuq bażi ta' shortlisting skont ir-ratio ta' 1:1.5 sa 1:2 tal-postijiet vakanti li jkun hemm.

6.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.8, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

6.4 L-ordni tal-mertu finali tal-kandidati tiġi determinata mill-marki totali li jinkisbu fit-test ta' abbiltà ġenerali u fl-intervista. Kandidati li għandhom servizz sodisfaċenti fil-Klassi tal-General Service jingħataw sa massimu ta' ħmistax-il (15) marka.

6.5 Il-livell ta' prestazzjoni fit-test dwar l-abbiltà ġenerali jkun rifless b'mod proporzjonat fil-marki assenjati għall-intervista. Ikun assenjat kriterju speċifiku għal dan il-għan.

6.6 Il-marka massima għall-intervista hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.7 Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-management li jalloka lill-impjegati skont l-HR Plans stabbiliti, jekk elenkati fil-lista biex joqogħdu għall-intervista, il-kandidati eliġibbli tintbagħtilhom formola biex jindikaw erba' (4) oqsma fl-amministrazzjoni li l-aktar jaqblu mal-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom, u skont liema karriera jixtiequ jsegwu. Il-formola mimlija għandha tiġi ppreżentata fid-data tal-intervista.

6.8 Kandidati li jonqsu milli jattendu għall-intervista fid-data/i mingħajr raġuni ġustifikata, ikunu meqjusa li abbandunaw il-proċess tal-għażla.

6.9 Ir-riżultat tat-test dwar l-abbiltà ġenerali jibqa' validu għal tliet (3) snin, filwaqt li r-riżultat finali ta' dan il-proċess tal-għażla jibqa' validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

6.10 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħal li jiddeċiedi x'għandu jsir minnufih dwar kandidati li, waqt il-proċess tat-test tal-abbiltà ġenerali, jinstabu ħatja ta' xi nuqqas jew ksur tal-istruzzjonijiet li jkunu tqassmu lill-kandidati.

6.11 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar it-test dwar l-abbiltà ġenerali jekk tinstab xi irregolarità dwar dan it-test. Tħassir bħal dan jista' jkun tat-test kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar stadju partikolari tat-test. Azzjoni fir-rigward ta' xi irregolarità/imġiba mhux xierqa waqt l-intervista

6.2 Eligible candidates will be shortlisted for the interviewing sessions on the basis of merit achieved in the general ability test undertaken to assess verbal, abstract and numerical reasoning ability on a 1:1.5 to 1:2 ratio of available vacancies.

6.3 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.8, have proven relevant work experience.

6.4 The final order of merit of successful candidates will be determined by the total marks gained in the general ability test and in the interview. Candidates who prove satisfactory service in the General Service Class will be awarded up to a maximum of fifteen (15) marks.

6.5 The level of performance in the general ability test will be proportionately reflected in the marks assigned for the interview, with a specific criterion established for such purpose.

6.6 The maximum mark for the interview is 100% and the pass mark is 50%.

6.7 Without prejudice to the right of management to deploy employees according to established HR Plans, if shortlisted to sit for the one-to-one interview, the eligible candidates will be sent a form to indicate four (4) areas of administration that best match their skills & qualifications and according to which career path they wish to pursue. The completed form must be presented on the date of the interview.

6.8 Candidates who fail to attend the interview without an exceptional reason on the date/s determined shall be deemed to have abandoned the selection process.

6.9 The result of the general ability test will remain valid for three (3) years, while the final result of this selection process will remain valid for two (2) years from the date of publication.

6.10 The Board of Local Public Examinations will have the power to deal summarily with any candidate who, while the general ability test is in progress, is found guilty of misconduct or any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

6.11 The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the general ability test if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole test even if the detected irregularity is in respect of a particular stage of the test. Action in respect of irregularity/misconduct during the interview will be taken

tittieħed mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fuq rakkommandazzjoni tal-bord tal-għażla li jkun qiegħed iwwettaq l-intervisti.

6.12 Id-Direttur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali, li jiġi esibit fuq in-notice-board tal-Edu Servizz.gov (One Stop Shop), Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-Furjana, u dik taċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex.

6.13 Avviżi dwar il-ħruġ tar-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali jkunu maħruġa: (i) fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet li jista' jiġi aċċessat minn (https://myexams.gov.mt); u (ii) permezz ta' SMS lill-kandidati li jissottomettu numru tal-telefown ċellulari validu mal-applikazzjoni tagħhom.

6.14 Id-Direttur tal-Eżamijiet jibgħat ukoll ir-riżultat individwali u l-ordni ta' klassifikazzjoni tat-test tal-abbiltà ġenerali permezz ta' ittra elettronika lill-kandidati kollha li joqogħdu għall-eżami.

6.15 Ir-riżultat finali tal-proċess tal-għażla jiġi ppubblikat mid-Diviżjoni dwar Nies u Standards u jiġi esibit fuq in-notice boards tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards u tal-Ministeru għal Għawdex.

6.16 Notifika tal-ħruġ tar-riżultat finali tintwera fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards u tintbagħat permezz ta' ittra elettronika u SMS.

6.17 Minħabba li t-test tal-abbiltà ġenerali huwa kompletament awtomatizzat, petizzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rigward l-intervista biss. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bl-ebda mod ma tidħol fil-mertu tal-marki miksuba fit-test tal-abbiltà ġenerali. F'każ ta' petizzjoni, għandha tasal għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sa għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data ta' meta tidher in-notifika tal-pubblikazzjoni tar-riżultat fuq is-sit tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur tal-Eżamijiet, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** f'wieħed minn dawn l-indirizzi: (https://recruitment.gov.mt) jew (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant); ċertifikat tal-kondotta fil-każ ta' nies li mhumiex uffiċjali pubbliċi li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF; kopji skennjati

by the Public Service Commission, upon a recommendation by the selection board carrying out the interviews.

6.12 The Director (Examinations) will publish the result of the general ability test which will be exhibited on the notice-board of the Edu Servizz.gov (One Stop Shop), Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria, Gozo.

6.13 Notification of the issue of the result of the general ability test will be issued: (i) on the website of the Department of Examinations, which may be accessed on (https://myexams.gov.mt); and (ii) via SMS alert to candidates who submit a valid mobile phone number with their application.

6.14 The Director (Examinations) will also send by email the individual result and ranking order of the general ability test to each candidate sitting for the test.

6.15 The final result of the selection process will be published by the People and Standards Division and exhibited on the notice boards of the People and Standards Division and the Ministry for Gozo.

6.16 Notification of the issue of the final result will be issued on the website of the People and Standards Division and via email and SMS alert.

6.17 Since the general ability test is fully automated, petitions to the Public Service Commission may be made only with regard to the interview. The Public Service Commission will not enter into the merits of the marks achieved in the general ability test. Petitions have to reach the Commission within ten (10) working days from the date on which a notification of the publication of the result appears on the website of the People and Standards Division.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director (Examinations), Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, through the Online Government Recruitment Portal **only** at one of the following addresses: (https://recruitment.gov.mt) or (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant); a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, in case of non-public officers; scanned copies of qualifications including

tal-kwalifiki li jinkludu fejn applikabbli transkrizzjonijiet; u miżata tal-eżami ta' €9.30 (mhux rifondabbli), li għandhom ikunu sottomessi permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Lulju, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

Applikanti prospettivi huma mwissija biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom minħabba l-possibbiltà ta' xi ħsara jew staġnar fl-internet li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

L-applikanti għandhom jiżguraw li wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom, għandhom iżommu kopja tal-irċevuta mibgħuta lilhom permezz ta' ittra elettronika, bħala referenza. L-applikanti jkunu meqjusa li jkunu applikaw sad-data u l-ħin tal-għeluq, **biss** jekk ikollhom din l-irċevuta.

7.2 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.3 L-applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-8 ta' Lulju, 2022

transcripts where applicable; and an examination fee of €9.30 (non-refundable), which are to be submitted through the portal. The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Time) of Friday, 22nd July, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Prospective applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their application since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

Applicants are to ensure that after the submission of their application, a copy of the receipt of payment received through an email, is to be kept for future reference. Applicants are deemed to have applied by the closing date and time, **only** if they are in possession of this receipt.

7.2 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.3 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

8th July, 2022

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Post ta' Assistent Skrivan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta – 2022

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li se jsir proċess ta' għażla kompetittiv għad-dħul fil-grad ta' Assistent Skrivan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Il-kandidati, kemm interni kif ukoll dawk esterni, iridu jgħaddu mill-istess proċess ta' għażla.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' Assistent Skrivan huwa ta' Skala ta' Salarju 18, li fis-sena 2022 huwa ta' €12,657 fis-sena, li jiżdied b'€222.00 fis-sena sa massimu ta' €13,989.

2.2 Persuna fil-grad ta' Assistent Skrivan tipprogressa għal Skala 17 (€13,666 x €244.00 - €15,130 fis-sena 2022) wara ħames (5) snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

2.3 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sitt (6) xhur, hi fuq bażi full-time u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Publiku ta' Malta b'mod ġenerali u l-persuna maħtura tista' tiġi trasferita sabiex ikun jista' jingħata servizz effettiv.

2.4 Għall-konferma tal-ħatra tagħhom, dawk maħtura jridu jkunu temew iż-żmien ta' prova tagħhom u jridu jkunu temmew b'suċċess il-kors ta' induzzjoni kif offruti mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

2.5 Applikazzjonijiet laterali fl-istess grad minn uffiċjali pubbliċi mhumiex aċċettabbli.

2.6 Il-postijiet allokati se jkunu strettament skont il-prijorità kif iddeterminat mill-Amministrazzjoni, għal perjodu minimu ta' sentejn (2) qabel ma jkunu jistgħu jintalbu trasferimenti. Tali postijiet ikunu suġġetti għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti.

2.7 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Post of Assistant Clerk in the Malta Public Service – 2022

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that a competitive selection process will be held to fill vacancies in the grade of Assistant Clerk in the Malta Public Service.

Internal and external candidates will undertake the same selection process.

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Assistant Clerk is Salary Scale 18, which in the year 2022 is equivalent to €12,657 per annum, rising by annual increments of €222.00 up to a maximum of €13,989.

2.2 An Assistant Clerk will progress to Scale 17 (€13,666 x €244.00 - €15,130 in 2022) on completion of five (5) years service in the grade subject to satisfactory performance.

2.3 The appointment, which is subject to a probationary (trial) period of six (6) months, is on a full- time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and involves liability to transfer for effective service delivery.

2.4 For the confirmation of their appointment, appointees must conclude their probationary (trial) period and successfully complete the induction programme as organised by the Institute for the Public Services.

2.5 Lateral applications in the same grade from public officers are not allowed.

2.6 Postings will be strictly in priority areas as determined by the Administration for a minimum period of two (2) years before transfers to other areas may be requested by the employees. Such postings will be subject to availability of vacancies.

